PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com

22 t'Awwissu, 2021

IL-MORDA U L-ANZJANI - Quddiesa fid-dar tagħkom

Fil-parroċċa għandna 'l fuq minn mitt persuna li ma joħorġux mid-dar minħabba mard jew nuqqas ta' saħħa li tiġi mill-età avvanzata. Ħafna minn dawn il-persuni jirċievu t-tqarbin permezz tas-saċerdoti, il-ministri tal-Ewkaristija jew billi membri tal-familja stess iwasslulhom l-Ewkaristija d-dar.

Fid-djoċesi tagħna bħalissa qiegħed jinħadem programm ta' pastorali. Waħda mill-ewwel attivitajiet ta' dan il-programm huwa li matul ix-xhur ta' **Ottubru u Novembru**, aħna l-qassisin niġu fid-djar tagħkom u **nqaddsu lill-anzjani u l-morda**, flimkien ma' membri oħrajn tal-familja. Din hija xewqa tal-Isqof Anton Teuma u se ssir fil-parroċċi kollha ta' Għawdex. Se tkun opportunità mill-isbaħ biex il-familji li għandhom xi ħadd għażiż li ma jistax joħroġ għall-knisja, ikollu l-Ewkaristija ċċelebrata fid-dar tiegħu stess.

Kien hemm min inkwieta għax ma jafx **kif irid iħejji għall-quddiesa:** kulma tridu tħejju hija mejda żgħira jew tavolina, tvalja bajda u żewġ xemgħat. Il-kumplament jaħseb għalih il-qassis.

Biex tibbukkjaw: kellmu lill-qassis li jqarbinkom u ftiehmu miegħu l-jum u l-ħin. Jew inkella, anke jekk m'intomx titqarbnu d-dar, ibagħtu l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon fl-Uffiċċju. Biżżejjed li tiktbu d-dettalji u titfgħuhom fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju. Jew ċemplulna fuq 21551649, it-Tnejn, l-Erbgħa jew il-Ġimgħa bejn id-9:00am u l-11:00am. Imbagħad nikkuntattjawkom aħna.

Nixtieq li Ikoll nieħdu sehem f'din l-ewwel fażi tat-twettiq tal-pjan pastorali. Kemm tkun ħaġa sabiħa li meta niġu għandkom niltaqgħu ma' tliet jew erba' ġenerazzjonijiet tal-familja tagħkom! Mit-tfal żgħar sal-għeżież li se jkollhom din l-opportunità li jieħdu sehem f'quddiesa fid-dar tagħhom stess. Ejjew f'din l-attività noffru talb speċjali għall-vokazzjonijiet.

L-Arċipriet Jimmy Xerri

AVVIŻI:

L-GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13: se torganizza Country Night BBQ nhar il-Ħadd 29 t'Awwissu, fis-7:00pm fi Ġnien il-Kunsill, in-Nadur. Mistiedna speċjali: Marisa D'Amato. Prezz: kbar €15 u tfal €5. Ikollna l-possibbiltà li naraw in-nar tal-festa t'Għajnsielem. Din l-attività qed issir skont id-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika. Mad-dħul se tiġu mitluba tippreżentaw iċ-Ċertifikat tal-Vaċċin tal-COVID-19 flimkien mal-karta tal-identità tagħkom. Għall-biljetti ċemplu lil Andrew Muscat (99101917) jew lil Joseph Meilaq (79279305) biex tirriservaw mejda.

KORSIJIET FIL-BIZZILLA U CREATIVE KNITTING: minn Ottubru 2021 sa Mejju 2022, fis-sala ta' Dar San Pietru u San Pawl, fi Triq Diċembru 13. Għad fadal ftit postijiet x'jimtlew u dawk li huma interessati għandhom japplikaw online fuq lifelonglearning.gov.mt. Ikun hemm lezzjoni ta' 3 sigħat fil-ġimgħa u l-ħlas huwa ta' €34.94 għal sena sħiħa. Dawk li għandhom iżjed minn 60 sena ma jħallsux. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-aħħar t'Awwissu, jew meta jimtlew il-postijiet li fadal.

TFAL JIBNU D-DINJA: nhar it-Tnejn u t-Tlieta li għaddew kellna 22 tifel u tifla jagħmlu xogħol tal-krafts fis-Sala Parrokkjali. Flimkien huma għamlu dinja kbira bil-kolla u l-karti. Dan il-globu issa se jinżebagħ u jitpinġa, biex imbagħad nippreżentawh fil-knisja fin-Novena tal-Milied. Nirringrazzjaw lit-tfal li ħadu sehem għax-xogħol li għamlu flimkien.

ĦAWWEL SIĠRA! Biex tikkumbatti l-fenomenu tal-għoli tat-temperatura, ħawwel siġra! Iva, għax siġra kapaċi tixrob minn 10 sa 50 kilo carbon dioxide f'sena. Il-carbon dioxide huwa gass li jikkawża temparatura għolja. Għalhekk ħawwel siġra u għin lin-nies tal-futur.

DUN PIET SAMMUT: nhar il-Ħamis li għadda sar il-funeral tal-Kan. Dun Piet Sammut hawnhekk fil-parroċċa. Għal dawn l-aħħar sentejn huwa kien jirresjiedi fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara.
Agħtih o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

Ħin tal-Quddies

Ħdud u Festi: 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
Mit-Tnejn sas-Sibt: 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
SALA PARROKKJALI: Is-Sibt: fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa: 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa: 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd: 7.30am